KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
TANCHEV
ippreżentati fil-15 ta' April 2021 [1]

Kawża C-508/19

M.F.
vs
J.M.,
partijiet magħquda:
Prokurator Generalny,
Rzecznik Praw Obywatelskich

(Talba għal deċiżjoni preliminari mis-Sąd Najwyższy (il-Qorti Suprema, il-Polonja))

"Talba għal deċiżjoni preliminari – Artikolu 2, Artikolu 4(3), Artikolu 6(3) u t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE – Artikolu 267 TFUE – Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea – Stat tad-dritt – Protezzjoni ġudizzjarja effettiva – Prinċipju ta' indipendenza ġudizzjarja – Ħatra għall-pożizzjoni ta' mħallef tal-Qorti Suprema mill-President tar-Repubblika fuq proposta tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ġudikatura – Tnedija tal-proċedura ta' reklutaġġ mingħajr kontrofirma ministerjali – Imħallef appuntat minkejja azzjoni li tattakka r-riżoluzzjoni ta' dak il-kunsill u proċedura ta' rinviju għal deċiżjoni preliminari – Talba għall-konstatazzjoni li ma hemmx relazzjoni ta' impjieg bejn tali mħallef u s-Sąd Najwyższy (il-Qorti Suprema) – Supremazija tad-dritt tal-Unjoni Ewropea"

1. Dawn il-konklużjonijiet huma ppreżentati flimkien ma' konklużjonijiet separati tal-lum (il-15 ta' April 2021) f'kawża relatata (W.Ż., C-487/19, iktar 'il quddiem "konklużjonijiet paralleli f'W.Ż.") jien nikkunsidra li l-analiżi tiegħi f'dawk il-konklużjonijiet huma kumplimentari u għandhom jinqraw flimkien. Għalhekk, fejn xieraq ser nillimita lili nnifsi hawnhekk biex sempliċiment nagħmel kontroreferenza għal dawk il-konklużjonijiet.

2. F'dan ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari, Sąd Najwyższy (Izba Pracy i Ubezpieczeń Społecznych) (il-Qorti Suprema, il-Polonja, iktar 'il quddiem 'il-Qorti Suprema" (l-Awla Industrijali u tas-Sigurtà Soċjali, iktar 'il quddiem "l-Awla ISS") tfittex interpretazzjoni tal-Artikolu 2 TUE, l-Artikolu 4(3) TUE, l-Artikolu 6(3) TUE u t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE, l-Artikolu 267 TFUE u l-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem "il-Karta").

[1] Lingwa oriġinali: l-Ingliż.

3. Ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari qamet fil-kuntest ta' azzjoni bejn M.F. (ir-rikorrenti) u J.M. (il-konvenut). M.F. li huwa mħallef ressqet l-azzjoni għal sentenza dikjaratorja flimkien ma' talba għal ordni kontra J.M., tfittex biex tistabbilixxi li dan l-aħħar ma huwiex imħallef tal-Qorti Suprema għax hu ma kienx maħtur għal pożizzjoni ta' mħallef tal-Qorti Suprema fil-Awla Dixxiplinari tal-Qorti Suprema (iktar 'il quddiem "l-Awla Dixxiplinari").

4. F'dawn il-konklużjonijiet, il-qafas legali nazzjonali ma għandux għalfejn jiġi riprodott peress li ma huwiex strettament neċessarju għall-finijiet tal-analiżi legali.

I. Fatti li ħolqu t-tilwima fil-proċeduri prinċipali u d-domanda preliminari

5. M.F. hija mħallef fis-Sąd rejonowy (il-Qorti Distrettwali, il-Polonja) fil-P. Fis-17 ta' Jannar 2019, proċedimenti dixxiplinarji ġew istitwiti kontra tagħha. F'dawk il-proċedimenti ġie allegat li l-kondotta tagħha rriżultat fi proċeduri twal iżżejjed u li hi naqset milli tikteb raġunijiet bil-miktub għas-sentenzi tagħha fil-ħin. Fit-28 ta' Jannar 2019, J.M., li jaġixxi bħala mħallef tal-Qorti Suprema u jwettaq id-dmirijiet tal-President tal-Qorti Suprema li jidderieġi x-xogħol tal-Awla Dixxiplinari, ħareġ digriet jappunta il-qorti dixxiplinarja kompetenti li tisma' l-każ tagħha tal-ewwel istanza.

6. Madankollu, M.F. tallega illi dawn il-proċedimenti kontriha ma setgħux ikomplu għax J.M. ma huwiex imħallef tal-Qorti Suprema, peress illi hu ma kienx maħtur għall-pożizzjoni ta' mħallef tal-Qorti Suprema fl-Awla Dixxiplinari. Il-ħatra tiegħu fl-20 ta' Settembru 2018 kienet ineffettiva għax hu kien maħtur: (i) wara li l-proċedura tal-għażla kienet saret mill-Krajowa Rada Sądownictwa (il-Kunsill Nazzjonali tal-Ġudikatura, il-Polonja; iktar 'il quddiem il-"KNĠ") fuq il-bażi ta' tħabbir tal-Prezydent Rzeczypospolitej Polskiej (il-President tar-Repubblika tal-Polonja, iktar 'il quddiem "il-President tar-Repubblika") tad-29 ta' Ġunju 2018, li kienet iffirmata mill-President tar-Repubblika mingħajr il-kontrofirma tal-Prezes Rady Ministrów (il-Prim Ministru); (ii) wara r-reżoluzzjoni tal-KNĠ li tikkontjeni l-mozzjoni li tappunta lil J.M. għal pożizzjoni ta' mħallef tal-Qorti Suprema fil-Awla Dixxiplinari kienet ġiet appellata lin-Naczelny Sąd Administracyjny (il-Qorti Suprema Amministrattiva l-Polonja,; iktar 'il quddiem "il-Qorti Suprema Amministrattiva") fis-17 ta' Settembru 2018 minn wieħed mill-parteċipanti fil-proċedura tal-għażla, u qabel din il-qorti kienet tat deċiżjoni fuq l-appell.

7. Bid-digriet tas-6 ta' Mejju 2019, l-Ewwel President tal-Qorti Suprema ħatar l-Awla ISS biex tisma' l-każ u tieħu deċiżjoni fuq it-talba għal ordni. M.F. ressqet azzjoni quddiem il-Qorti Suprema għal sentenza dikjaratorja li tistabbilixxi li ma hemm l-ebda relazzjoni ta' servizz bejn J.M. u l-Qorti Suprema. Skont il-qorti tar-rinviju, ir-relazzjoni ta' servizz bejn imħallef u qorti hija ekwivalenti għal relazzjoni ta' impjieg u hija direttament konnessa mal-mandat ta' mħallef. Ma hemm l-ebda relazzjoni ta' servizz mingħajr mandat. Għalhekk, sabiex jiġi stabbilit li persuna ma hijiex imħallef, l-ewwel għandu jiġi stabbilit li dik il-persuna ma għandhiex mandat.

8. Għalhekk, is-Sąd Najwyższy (Izba Pracy i Ubezpieczeń Społecznych) (il-Qorti Suprema, (l-Awla Industrijali u tas-Sigurtà Soċjali), iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri u tirreferi s-segwenti domandi preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja:

"(1) It-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1), l-Artikolu 2, l-Artikolu 4(3) u l-Artikolu 6(3) TUE, moqrija flimkien mal-Artikolu 47 tal-[Karta] u t-tielet paragrafu tal-Artikolu 267 TFUE, għandhom jiġu interpretati fis-sens li, fil-kuntest tal-proċeduri għall-konstatazzjoni ta' nuqqas ta' eżistenza ta' relazzjoni ta' xogħol, qorti tal-aħħar istanza ta' Stat Membru tista'

tikkonstata li ma għandux il-kwalità ta' mħallef id-destinatarju ta' att li, filwaqt li jaħtar lil dan fil-kariga ta' mħallef f'din il-qorti, ġie adottat abbażi ta' dispożizzjonijiet li jmorru kontra l-prinċipju ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva jew b'mod inkompatibbli mal-imsemmi prinċipju, meta jsir intenzjonalment ostakolu għall-eżami ta' din il-kwistjoni qabel ma jiġi kkonsenjat l-imsemmi att?

(2) It-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1), l-Artikolu 2, l-Artikolu 4(3) TUE u l-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, moqrija flimkien mal-Artikolu 267 TFUE, għandhom jiġu interpretati fis-sens li hemm ksur tal-prinċipju ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva meta att ta' ħatra għall-kariga ta' mħallef jinħareġ wara li l-qorti nazzjonali tkun għamlet domanda preliminari għall-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni Ewropea, li r-risposta tagħha hija suġġetta għall-evalwazzjoni tal-kompatibbiltà mad-dritt tal-Unjoni tad-dispożizzjonijiet nazzjonali li l-applikazzjoni tagħha għamlitha possibbli li jiġi kkonsenjat l-att imsemmi?

(3) It-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1), l-Artikolu 2, l-Artikolu 4(3) u l-Artikolu 6(3) TUE kif ukoll l-Artikolu 47 tal-[Karta] għandhom jiġu interpretati fis-sens li hemm ksur tal-prinċipju ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva minħabba l-assenza ta' garanzija tad-dritt għall-qorti, meta att ta' ħatra għall-kariga ta' mħallef jinħareġ wara proċedura ta' ħatra mwettqa bi ksur flagranti tad-dispożizzjonijiet legali tal-imsemmi Stat li jirregolaw il-ħatra tal-imħallfin?

(4) It-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1), l-Artikolu 2, l-Artikolu 4(3) TUE u l-Artikolu 47 tal-[Karta] moqrija flimkien mat-tielet paragrafu tal-Artikolu 267 TFUE, għandhom jiġu interpretati fis-sens li hemm ksur tal-prinċipju ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva meta l-leġiżlatur nazzjonali joħloq, f'qorti tal-aħħar istanza ta' Stat Membru, entità organizzattiva li ma tikkostitwixxix qorti fis-sens tad-dritt tal-Unjoni?

(5) It-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1), l-Artikolu 2, l-Artikolu 4(3) TUE u l-Artikolu 47 tal-[Karta] moqrija flimkien mat-tielet paragrafu tal-Artikolu 267 TFUE, għandhom jiġu interpretati fis-sens li l-kwistjonijiet relatati mal-eżistenza ta' relazzjoni ta' xogħol u mal-kwalità ta' mħallef tad-destinatarju ta' att li jaħtru għall-kariga ta' mħallef ta' qorti tal-aħħar istanza ta' Stat Membru ma jistgħux jiġu deċiżi minn entità organizzattiva ta' din il-qorti tal-aħħar istanza, liema entità, kompetenti abbażi tad-dritt nazzjonali tal-imsemmi Stat, hija magħmula esklużivament minn persuni li l-atti ta' ħatra tagħhom huma vvizzjati bid-difetti indikati fid-domandi 2 sa 4, b'mod li ma tkunx qorti fis-sens tad-dritt tal-Unjoni, iżda entità organizzattiva oħra ta' din il-qorti tal-aħħar istanza, liema qorti tissodisfa min-naħa tagħha r-rekwiżiti li għalihom id-dritt tal-Unjoni jissuġġetta l-eżistenza ta' qorti?"

II. Analiżi

A. Il-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja

9. Il-Prosekutur Pubbliku jissottometti, essenzjalment, li l-Qorti tal-Ġustizzja ma għandhiex ġurisdizzjoni peress illi r-referenza tirrigwarda każ purament intern li ma jaqax fi ħdan l-iskop tad-dritt tal-Unjoni, peress li l-Artikolu 47 tal-Karta jew it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE ma għandhom l-ebda ness mas-suġġett tal-materja tat-tilwima. Meta l-president ta' Awla Dixxiplinari jaħtar il-korp kompetenti bħala tribunal dixxiplinarju, dak il-president: (i) ma huwiex qiegħed jiddeċiedi fuq is-sustanza ta' każ individwali fil-kuntest ta' proċedura avversarja u

għalhekk hu jew hi ma jikkostitwixxix qorti jew tribunal fis-sens tat-tifsira tad-dritt tal-Unjoni; u (ii) ma huwiex kompetenti li jadotta kwalunkwe deċiżjoni oħra li għandha x'taqsam mad-dritt tal-Unjoni.

10. Madankollu, biżżejjed li jiġi nnutat li l-Istati Membri għandhom l-obbligu li jikkonformaw mal-obbligi tagħhom li joħorġu mid-dritt tal-Unjoni u, b'mod partikolari, mit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE, pereżempju, fir-rigward regoli nazzjonali relatati mal-kundizzjonijiet sostantivi u regoli proċedurali jirregolaw l-adozzjoni ta' deċiżjonijiet li jappuntaw imħallfin u, fejn applikabbli, regoli rrelatati mal-istħarriġ ġudizzjarju li japplika fil-kuntest ta' tali proċeduri ta' ħatra [2].

11. Fil-fatt, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha ġurisdizzjoni f'dan il-każ u t-tieni subparagrafu tal-Artiklu 19(1) TUE huwa applikabbli f'każ li jqajjem kwistjonijiet bħal ma huma l-istat ta' persuna allegatament maħtura għall-Awla Dixxiplinari ta' qorti suprema ta' Stat Membru minkejja ksur flagranti tad-dritt nazzjonali, peress illi dik il-persuna tista' tiġi msejħa biex titratta każijiet li jinvolvu l-applikazzjoni jew interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni u għalhekk għandhom jissodisfaw ir-rekwiżit ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva. Isegwi illi d-determinazzjoni tat-tribunal kompetenti biex jiddeċiedi dwar tilwima interna li tikkonċerna l-istat ta' mħallef għandha wkoll tikkonforma mar-rekwiżit tal-protezzjoni ġudizzjarja effettiva.

B. Ammissibbiltà tad-domandi preliminari

12. Il-Gvern Pollakk, il-Prosekutur Pubbliku u J.M. ressqu argumenti varji sabiex jikkontendu, essenzjalment, li d-domandi preliminari kollha huma inammissibbli fis-sens illi tweġiba għal dawk id-domandi ma hijiex neċessarja sabiex il-qorti tar-rinviju tiddeċiedi fuq il-każ fil-proċeduri prinċipali – id-domandi huma ipotetiċi, il-każ huwa fittizju u d-domandi preliminari jfittxu biss li jinstrumentalizzaw il-Qorti tal-Ġustizzja u d-dritt tal-Unjoni sabiex joħolqu preċedent li jippermetti lil imħallef nazzjonali li jitkeċċa. Dan il-preċedent jikkostitwixxi ksur tal-istat tad-dritt u li jseħħ f'sitwazzjoni li ma hijiex prevista mil-liġi.

13. Minbarra l-fatt li diversi mill-argumenti ta' dawk il-partijiet huma bbażati fuq id-dritt nazzjonali, iktar milli d-dritt tal-Unjoni, nikkunsidra (kif jagħmlu wkoll il-Kummissjoni, M.F. u r-Rzecznik Praw Obywatelskich (l-Ombudsman, il-Polonja) li d-domandi preliminari huma ammissibbli.

14. Fir-rigward l-ewwel tliet domandi, dawn ifittxu essenzjalment li jiddeterminaw jekk it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE għandux jiġi interpretat bħala li jopponi l-effettività l-ħatra ta' J.M. għal pożizzjoni ta' mħallef fl-Awla Dixxiplinari. Fil-fatt, ma huwiex neċessarju li l-qorti kkonċernata bid-domandi preliminari hija msejħa biex tiddeċiedi, *fil-każ inkwistjoni*, fuq il-bażi tad-dritt tal-Unjoni, peress illi l-portata ta' dik id-dispożizzjoni testendi għal qrati jew tribunali kollha li għandhom ġurisdizzjoni sabiex jiddeċiedu dwar l-applikazzjoni jew interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, li huwa l-każ fir-rigward tal-Awla Dixxiplinari (kif isegwi mill-Artikolu 27 tal-Liġi l-ġdida dwar il-Qorti Suprema; ara s-sentenza A. K. *et*, punti 79 sa 81 u 100). Anke jekk il-president tal-Awla Dixxiplinari (J.M.) ma huwiex awtorità ġudizzjarja *per se*, hu jaħtar it-tribunal dixxiplinarju b'ġurisdizzjoni territorjali li hija ta' importanza deċiżiva bil-għan li jiġi ggarantit li dak it-tribunal iwettaq eżami imparzjali tal-każijiet dixxiplinarji. Barra minn hekk, dan

[2] Ara, f'dak is-sens, is-sentenza tad-19 ta' Novembru 2019, A. K. *et* (Indipendenza tal-Awla Dixxiplinari tal-Qorti Suprema) (C-585/18, C-624/18 u C-625/18, EU:C:2019:982, punti 134 sa 139 u 145) (iktar 'il quddiem "is-sentenza A. K. *et*").

it-tribunal jista' jiġi adit biex jiddeċiedi dwar kwistjonijiet li jirrigwardaw l-applikazzjoni jew interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni. Barra minn hekk, bħala mħallef u membru tal-Awla Dixxiplinari, J.M. ukoll jista' jiddeċiedi fuq tali mistoqsijiet.

15. Fir-rigward tal-aħħar żewġ domandi preliminari, dawn ifittxu biex jingħataw gwida dwar id-dritt tal-Unjoni lill-qorti tar-rinviju sabiex tkun tista' tiddeċiedi l-problema proċedurali li hija għandha tiddeċiedi *in limine litis* u li tikkonċerna l-ġurisdizzjoni tagħha stess biex tiddeċiedi l-każ fil-proċeduri prinċipali minflok l-Awla Dixxiplinari fl-eventwalità illi dan tal-aħħar ma jissodisfax ir-rekwiżiti li joħorġu mid-dritt tal-Unjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenza A. K. *et*, punti 99 u 100).

C. Sustanza

1. Sommarju qasir tal-argumenti tal-partijiet

16. M.F. u l-Ombudsman – u, sa ċertu punt, il-Kummissjoni – jargumentaw, essenzjalment, li d-domandi għandhom jiġu mwieġba fl-affermattiv: qorti nazzjonali tal-aħħar istanza tista' teżamina l-ħatra kif ukoll il-garanziji ta' indipendenza u imparzjalità ta' persuna maħtura għal pożizzjoni ta' mħallef tal-Qorti Suprema bi ksur tal-prinċipju ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva.

17. J.M. ma ssottometta l-ebda osservazzjonijiet fuq is-sustanza tal-każ quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja u ma deherx għas-smigħ.

18. Fir-rigward tat-tieni domanda preliminari, il-Gvern Pollakk jissottometti, essenzjalment, li d-dritt tal-Unjoni ma jistax jiġi interpretat bħala li jipprekludi lill-President tar-Repubblika milli jaħtar lil J.M., minħabba l-eżistenza ta' proċedura ta' referenza preliminari, peress li: il-Qorti tal-Ġustizzja ma hijiex tiddeċiedi dwar il-konformità tad-dritt nazzjonali mad-dritt tal-Unjoni; u l-organizzazzjoni tal-ġustizzja u l-proċedura tal-ħatra għall-imħallfin ma humiex irregolati mid-dritt tal-Unjoni. Rigward it-tielet domanda preliminari, jikkontendi illi l-ebda miż-żewġ irregolaritajiet allegati ma ġew ikkonfermati f'dan il-każ, u lanqas kieku ġew, ma setgħux jirriżultaw fi ksur tal-prinċipju tal-protezzjoni ġudizzjarja effettiva. Fir-rigward l-ewwel domanda preliminari, il-Gvern Pollakk jikkontendi li, fid-dawl tat-tweġibiet mogħtija għad-domandi 2 u 3, din id-domanda ma għadhiex tapplika. Jissottometti fir-rigward ir-raba' domanda, essenzjalment, li ma hemm l-ebda dubji li l-Awla Dixxiplinari hija indipendenti. Fir-rigward il-ħames domanda preliminari, il-Gvern Pollakk jargumenta li hija biss l-Awla Dixxiplinari li tista' tiddeċiedi dwar l-inammissibbiltà tar-rikors fil-proċeduri prinċipali.

19. Minbarra l-argumenti analogi għal dawk tal-Gvern Pollakk, il-Prosekutur Pubbliku jikkontendi, essenzjalment, li n-nuqqas ta' irregolarità fil-proċedura tal-ħatra jew il-konformità ta' dik il-proċedura mad-dritt tal-Unjoni ma humiex karatteristiċi kostituttivi tal-ħatra ta' mħallef fil-funzjonijiet tagħhom, iżda l-iktar setgħu kellhom impatt dwar jekk id-dritt ta' aċċess għal qorti ta' persuna li jaqa' fil-ġurisdizzjoni ta' dak l-imħallef huwiex irrispettat. Fi kwalunkwe każ, il-ħames domandi preliminari għandhom jiġu mwieġba fin-negattiv ukoll fid-dawl tal-prinċipji taċ-ċertezza legali u l-fatt li l-imħallfin ma jistgħux jitneħħew.

2. Evalwazzjoni

a) Domandi 1 sa 3

20. Mill-ewwel tliet domandi tagħha – li għandhom jiġu indirizzati flimkien – il-qorti tar-rinviju tixtieq tistabilixxi, essenzjalment, jekk il-kunċett "dritt għal qorti jew tribunal mwaqqaf b'liġi", stabbilit mit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE flimkien mal-Artikolu 47 tal-Karta, għandu jiġi interpretat bħala li tipprekludi l-ħatra ta' J.M. għall-pożizzjoni ta' mħallef tal-Qorti Suprema fl-Awla Dixxiplinari f'ċirkustanzi fejn: (i) l-istħarriġ legali ta' atti adottati fil-kuntest ta' dik il-proċedura tal-ħatra hija limitata/non-eżistenti; (ii) l-att ta' ħatra kien mgħoti qabel il-Qorti tal-Ġustizzja setgħet tiddeċiedi dwar ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari (kawża A.K. *et*) rigward l-interpretazzjoni tar-rekwiżiti ta' indipendenza ta' korp ġudizzjarji bħal ma hija l-Awla Dixxiplinari (jiġifieri, l-korp ġudizzjarji fejn il-persuna msemmija fl-att tal-ħatra inkwistjoni kellha tieħu postha); iii) l-att tal-ħatra ġie mgħoti qabel il-Qorti Suprema Amministrattiva setgħet tiddeċiedi fuq ir-rikors miġjub kontra KNĠ Riżoluzzjoni Nru 317/2018 li fiha l-proposta ta' KNĠ lill-President tar-Repubblika biex jaħtar lil J.M.; u (iv) il-komunikazzjoni tal-President tar-Repubblika, ppubblikata fuq il-bażi tal-Artikolu 31(1) tal-Liġi dwar il-Qorti Suprema li tiftaħ il-proċedura tal-għażla li tfittex li timla l-pożizzjonijiet vakanti fil-Qorti Suprema, inkluż il-Awla Dixxiplinari, ma kinitx kontrofirmata mill-Prim Ministru.

21. L-ewwel nett, kif nispjega fil-Konklużjonijiet paralleli tiegħu fil-kawża W.Ż. (punti 46 u 47), fiċ-ċirkustanzi ta' dik il-kawża jidher ukoll li l-Artikolu 47 tal-Karta ma huwiex applikabbli bħala dispożizzjoni waħida. L-istess raġunament japplika f'din il-kawża. Madankollu, ninnota li l-Qorti tal-Ġustizzja issa rrikonoxxiet biċ-ċar fil-kawża A.B. *et* (C-824/18, EU:C:2021:153, punt 146), li t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE "jimponi fuq l-Istati Membri obbligu ta' riżultat ċar u preċiż u li ma jkollu miegħu ebda kundizzjoni għal dak li jikkonċerna l-indipendenza li għandha tikkaratterizza l-qrati msejħa biex jinterpretaw u japplikaw id-dritt tal-Unjoni."

22. Nikkunsidra (kif jagħmel l-Ombudsman) li l-fatturi ta' konnessjoni bejn l-azzjoni fil-proċeduri prinċipali u d-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni mqajma fid-domandi preliminari jirrelataw mal-fatt li mħallef nazzjonali (M.F.) li tista' tiddeċiedi dwar l-applikazzjoni jew interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni hija tistaqsi biex jingħatalha, fil-kuntest ta' azzjoni dixxiplinarja miġjuba kontriha, il-benefiċċju tal-protezzjoni ġudizzjarja effettiva garantita mill-Artikolu 19(1) TUE fid-dawl tal-Artikolu 47 tal-Karta. Tali protezzjoni timplika obbligu għall-Istati Membri li "ikollhom il-garanziji meħtieġa sabiex jiġi evitat kwalunkwe riskju ta' użu ta' tali sistema bħala sistema ta' kontroll politiku tal-kontenut tad-deċiżjonijiet ġudizzjarji"[3], li jfisser li M.F. għandha dritt li tiġi ġġudikata minn qorti indipendenti u imparzjali stabbilita mil-liġi. Dan ifisser ukoll li t-tribunal li jiġi msejjaħ biex jiddeċiedi dwar il-proċedura dixxiplinarja tagħha ma jistax jinħatar minn imħallef li l-ħatra tiegħu stess tikser l-istess dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni anke jekk hu nnifsu jagħti jieħu deċiżjonijiet irrelatati mal-applikazzjoni jew l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni.

23. Kif nispjega fid-dettall fil-konklużjonijiet parralleli tiegħi fil-kawża W.Ż. (punti 68 *et seq.*), hemm żewġ sentenzi prinċipali li huma relevanti fil-kuntest preżenti: is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-26 ta' Marzu 2020, Review Simpson u HG vs Il-Kunsill u l-Kummissjoni (C-542/18 RX-II u C-543/18 RX-II, EU:C:2020:232) (iktar 'il quddiem "is-sentenza Simpson u HG") u s-sentenza tal-Awla Manja tal-QEDB Ástráðsson vs l-Iżlanda (CE:ECHR:2020:1201JUD002637418).

[3] Sentenza tal-5 ta' Novembru 2019, C-192/18, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (EU:C:2019:924, punt 114).

24. B'mod partikolari, sabiex jiġi ddeterminat jekk irregolarità tikkostitwixxi ksur tar-rekwiżit li qorti jew tribunal għandu jiġi mwaqqaf bil-liġi fis-sens tat-tifsira tal-Artikolu 19 TUE, skont il-punt 75 tas-sentenza Simpson u HG, huwa neċessarju li jiġi valutat jekk dik l-irregolarità "hija *ta' natura u ta' gravità tali* li toħloq riskju reali li partijiet oħra tal-poter, b'mod partikolari l-eżekuttiv, jistgħu jeżerċitaw setgħa diskrezzjonali indebita li tipperikola l-integrità tar-riżultat li jwassal għaliha l-proċess ta' ħatra u b'hekk toħloq dubju leġittimu, [anke jekk biss fil-livell ta' apparenza] f'moħħ il-partijiet fil-kawża, fir-rigward tal-indipendenza u tal-imparzjalità tal-Imħallef jew tal-Imħallfin ikkonċernati, li jkun il-każ meta r-regoli fundamentali li jagħmlu parti integrali tal-istabbiliment u tal-funzjonament ta' din is-sistema ġudizzjarja jkunu inkwistjoni" (enfasi miżjuda).

25. Kif nispjega fid-dettal fil-Konklużjonijiet W.Ż., il-ġurisprudenza msemmija tirrikjedi l-qorti tar-rinviju, f'dak ir-rigward, biex tiddetermina jekk il-ksur inkwistjoni kien flagranti, jiġifieri, biex jiġi valutat il-karattru manifest u intenzjonat ta' dak il-ksur kif ukoll il-gravità tal-ksur.

26. Fil-fatt, isegwi mid-digriet għar-rinviju preliminari li fil-proċedura tal-ħatra ta' J.M. kien hemm numru ta' ksur potenzjalment flagranti tad-dritt applikabbli għal-ħatriet ġudizzjarji: (i) il-proċedura kienet miftuħa mingħajr il-kontrofirma ministerjali meħtieġa taħt il-Kostituzzjoni, li huwa allegat li jirrendi l-proċedura nulla *ab initio*; (ii) tinvolvi il-KNĠ il-ġdida l-membri ta' liem kienu maħtura taħt proċess leġiżlattiv ġdid, li ma huwiex kostituzzjonali u ma jiggarantixxix indipendenza; (iii) kien hemm diversi impedimenti intenzjonati għall-istħarriġ ġudizzjarju preliminari tal-att tal-ħatra, peress li: (a) il-KNĠ intenzjonalment naqset li tressaq l-azzjoni miġjuba kontra r-riżoluzzjoni tagħha lill-Qorti Suprema Amministrattiva, fl-istess ħin li bagħtitha lill-President tar-Repubblika, qabel it-terminu li jsir dan quddiem il-qorti skada; (b) il-President tar-Repubblika ħatar l-imħallfin proposti f'dik ir-riżoluzzjoni qabel l-istħarriġ ġudizzjarju ta' dik ir-riżoluzzjoni ngħalqet u mingħajr ma stenna r-risposta tal-Qorti tal-Ġustizzja għad-domandi preliminari fil-Kawża C-824/18, dwar il-konformità tal-modalitajiet ta' dak il-kontroll mad-dritt tal-Unjoni. Għalhekk, il-President tar-Repubblika kkommetta ksur potenzjalment flagranti tan-normi fundamentali tad-dritt nazzjonali.

1) Punt (i)

27. Il-Kummissjoni targumenta essenzjalment li d-dritt għal qorti stabbilita bil-liġi, skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE u l-Artikolu 47 tal-Karta, ma jeħtieġx li għandu dejjem ikun hemm rimedji legali kontra atti ta' ħatra ġudizzjarja u atti oħra adottati fi proċeduri għall-ħatra ta' mħallfin tal-qrati supremi.

28. Kuntrarju għal dak argumentat mill-Kummissjoni, u kif nispjega f'iktar dettall fil-konklużjonijiet paralleli tiegħi fil-kawża W.Ż. (punti 50 sa 63), dik il-linja ta' argument hija żbaljata u ma hijiex applikabbli f'kuntest bħal dak preżenti fil-Polonja.

29. Issa jsegwi mis-sentenza A.B. *et* (u kif nargumenta fil-konklużjonijiet tiegħi f'dik il-kawża) li ser ikun għall-qorti tar-rinviju li tagħmel evalwazzjoni fuq il-bażi tal-gwida pprovvduta hawnhekk u fis-sentenza A.B. *et* u kwalunkwe ċirkustanzi oħra rilevanti li tista' tinduna bihom, tieħu inkunsiderazzjoni, fejn xieraq, tar-raġunijiet u oġġettivi speċifiċi allegati quddiema sabiex tiġġustifika l-miżuri kkonċernati, jekk dispożizzjonijiet nazzjonali bħal dawk li jinsabu fl-Artikolu 44(1a) sa (4) tal-Liġi dwar il-KNĠ, huma tali li jagħtu lok għal dubji leġittimi, fl-imħuħ tas-suġġetti tad-dritt, dwar l-inaċċessibbiltà tal-imħallfin maħtura fuq il-bażi tar-riżoluzzjonijiet tal-KNĠ għal fatturi esterni u, b'mod partikolari, għall-influwenza diretta jew indiretta tal-leġiżlatur u eżekuttiv Pollakk, u fir-rigward in-newtralità tagħhom fir-rigward għal

kwalunkwe interessi quddiemhom li jistgħu jwasslu dawk l-imħallfin biex ma jidhrux bħala indipendenti jew imparzjali bil-konsegwenza li jippreġudikaw il-fiduċja li l-ġustizzja f'soċjetà demokratika ggvernata mill-istat ta' dritt għandha tispira fis-suġġetti tad-dritt.

30. Suġġett għall-kundizzjoni msemmi, f'moħħi l-impatt rigressiv ta' dawk id-dispożizzjonijiet nazzjonali dwar l-effettività tar-rimedju ġudizzjarji disponibbli kontra r-riżoluzzjonijiet tal-KNĠ jipproponu l-appuntament tal-imħallfin fil-Qorti Suprema jiksru it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE. Sabiex ikun effettiv, l-istħarriġ ġudizzjarju għandha tkopri mill-inqas jekk kienx hemm *ultra vires* jew eżerċizzju mhux xieraq ta' awtorità, żball ta' liġi jew żball manifest fl-evalwazzjoni (sentenza A. K. *et*, punt 145). Kif l-Ombudsman innota, l-istħarriġ ġudizzjarju effettiva hija partikolarment meħtieġa fejn, kif f'dan il-każ, jidher li l-istat, permezz tal-aġir tagħha, tindaħal fil-proċess tal-ħatra tal-imħallfin b'tali mod li tirriskja li tikkompromметti l-indipendenza futura ta' dawk l-imħallfin.

31. Fil-fatt, kif innutat il-qorti tar-rinviju, l-ewwel, li huwa relevanti f'dan ir-rigward huwa li l-ħatra għal pożizzjoni ta' mħallef f'dan il-każ saret fuq il-bażi ta' dispożizzjonijiet u/jew skont proċedura kuntrarja għall-prinċipju tal-protezzjoni ġudizzjarja effettiva. It-tieni, il-leġiżlatura u/jew l-eżekuttiv jidhru li ġabu s-sitwazzjoni ta' dan il-każ deliberatament jew intenzjonalment billi pprevenew (jew ippruvaw jipprevjenu) stħarriġ amministrattiv tal-kompatibbiltà mad-dritt tal-Unjoni tal-liġijiet jew proċeduri nazzjonali applikabbli qabel l-għotja tal-ħatriet ġudizzjarji.

2) Punt (ii)

32. Permezz it-tieni domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE u l-Artikolu 47 tal-Karta, moqrija flimkien mal-Artikolu 267 TFUE, jirrikjedu li l-President tar-Repubblika jastjeni milli jwassal att ta' ħatra għal pożizzjoni ta' mħallef tal-Awla Dixxiplinari, f'każ fejn rinviju għal deċiżjoni preliminari kienet mibgħuta lill-Qorti tal-Ġustizzja fit-30 ta' Awwissu 2018 dwar l-interpretazzjoni tar-rekwiżiti ta' indipendenza fil-kuntest tal-istabbiliment tal-Awla Dixxiplinari u l-kawża għadha pendenti (Kawża A. K. *et*).

33. Il-Kummissjoni targumenta li dik id-domanda għandha titwieġeb fin-negattiv.

34. B'mod differenti mill-Kummissjoni, nikkunsidra li din hija estensjoni tar-risposta mgħotija lill-ewwel domanda u, kif isegwi mill-konklużjonijiet tiegħi u mis-sentenza A.B. *et*, awtorità eżekuttiva ta' Stat Membru hija meħtieġa li tieqaf milli twassal dokument ta' ħatra għal pożizzjoni ta' mħallef sakemm qorti nazzjonali, filwaqt li tieħu inkunsiderazzjoni s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, ibbażata fuq talba għal deċiżjoni preliminari, tkun iddeċidiet fuq il-kompatibbiltà tad-dritt nazzjonali mad-dritt tal-Unjoni fir-rigward il-proċedura tal-ħatra ta' membri ta' unità organizzattiva ġdida fil-qorti tal-aħħar istanza ta' dak l-Istat Membru. Nuqqas li jsir dan ikun ksur tal-prinċipju tal-protezzjoni ġudizzjarja effettiva, peress li mill-inqas toħloq riskju serju li l-awtoritajiet ġudizzjarji li ma jilħqux l-istandards tal-Unjoni jiġu stabbiliti, anke jekk temporanjament. Naqbel mal-Ombudsman li kieku tikser potenzjalment l-Artikoli 4(3) TUE u 267 TFUE, peress li l-President tar-Repubblika jkun jillimita l-*effet utile* tal-proċedura tad-deċiżjoni preliminari u jevita il-karattru vinkolanti tad-deċiżjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja.

35. Qrati nazzjonali għandhom ikollhom rimedju sabiex jittrattaw bħala ksur kwalifikat tal-prinċipju tal-protezzjoni ġudizzjarja effettiva kwalunkwe azzjonijiet mittieħda mill-awtoritajiet ta' Stat Membru wara talba għal deċiżjoni preliminari magħmula minn qorti

nazzjonali fejn l-għan jew l-effett ta' tali azzjonijiet jistgħu jkunu biex jannullaw jew jillimitaw il-prinċipju tal-effett retroattiv (*ex tunc*) tad-deċiżjonijiet preliminari mgħotija mill-Qorti tal-Ġustizzja.

36. Li huwa importanti fil-kuntest ta' din il-kawża, u kif ġie nnutat mill-qorti tar-rinviju, hu li l-għotja tad-dokument tal-ħatra għall-pożizzjoni ta' mħallef fl-Awla Dixxiplinari jista' jikkostitwixxi ksur intenzjonali tal-prinċipju tal-protezzjoni ġudizzjarja. Barra minn hekk, dan kien, jidher, akkumpanjat mill-konvinzjoni, ħierġa minn ġurisprudenza nazzjonali preċedenti, li l-ħatra għall-pożizzjoni ta' mħallef tal-Qorti Suprema hija irriversibbli. Kif isegwi mir-risposta għall-ewwel domanda, dik il-konvinzjoni hija żbaljata.

37. Barra minn hekk, naqbel mal-qorti tar-rinviju li persuna maħtura għall-pożizzjoni ta' mħallef tal-Qorti Suprema f'tali ċirkustanzi tista' tibqa dipendenti fuq kif l-awtoritajiet involuti fil-ħatra tiegħu jevalwaw l-attività ġudizzjarja tiegħu waqt il-perijodu li fih hu jwettaq il-mandat ġudizzjarju tiegħu. Il-qorti tar-rinviju tgħid li fil-fehma tagħha tali dipendenza teżisti, speċjalment fuq l-eżekuttiv, jiġifieri, il-President tar-Repubblika.

3) Punt (iii)

38. Bit-tielet domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tfittex li tistabbilixxi jekk "id-dritt għal tribunal mwaqqaf b'liġi", skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE u l-Artikolu 47 tal-Karta, jirrikjedi li l-qorti nazzjonali tiddeċiedi – fil-kuntest ta' proċedura tfittex konstatazzjoni li (ma) hemm(x) relazzjoni ta' impjieg fir-rigward ta' persuna maħtura għall-pożizzjoni ta' mħallef – li l-att ta' ħatra huwa ineffettiv minħabba l-ksur flagranti tad-dispożizzjonijiet nazzjonali li jirregolaw il-proċedura tal-ħatra.

39. Nikkunsidra li din id-domanda hija marbuta mill-qrib mad-domanda preliminari fil-Kawża C-487/19, W.Ż. (ara l-konklużjonijiet paralleli tiegħi, punti 50 sa 63 u punt 106). Kif ikkonkludejt f'dawk il-konklużjonijiet – u għal darba oħra, kuntrarju għal dak li qiegħed jiġi argumentat mill-Kummissjoni hawnhekk – id-dritt għal tribunal stabbilit mil-liġi, ikkonfermat mit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE fid-dawl tal-Artikolu 47 tal-Karta, għandu jiġi interpretat fis-sens li qorti bħal dik komposta minn J.M. ma tissodisfax ir-rekwiżiti biex jiġi kostitwit tali tribunal stabbilit mil-liġi f'sitwazzjoni fejn l-imħallef ikkonċernat kien appuntat għal dik il-pożizzjoni bi ksur flagranti tal-liġijiet tal-Istat Membru applikabbli għal ħatriet ġudizzjarji għall-Qorti Suprema, li hija kwistjoni għall-qorti tar-rinviju biex tistabbilixxi. Il-qorti tar-rinviju għandha, f'dak ir-rigward, tevalwa il-karattru manifest u intenzjonat ta' dak il-ksur kif ukoll il-gravità tal-ksur u għandha tieħu inkunsiderazzjoni il-fatt li J.M. inħatar minkejja appell qabel lill-qorti nazzjonali kompetenti kontra r-reżoluzzjoni tal-KNĠ, li inkluda mozzjoni għall-ħatra ta' dik il-persuna għall-pożizzjoni ta' mħallef li kienet għandha pendenti f'dak iż-żmien.

4) Punt (iv)

40. Fir-rigward il-fatt li l-komunikazzjoni tal-President tar-Repubblika, tiftaħ il-proċedura tal-għażla tfittex li timla l-pożizzjonijiet vakanti fuq il-Qorti Suprema, inkluż il-Awla Dixxiplinari, ġiet ippubblikata mingħajr il-kontrofirma tal-Prim Ministru, hija l-qorti tar-rinviju li għandha tevalwa jekk tali kontrofirma kinitx meħtieġa skont l-Artikolu 144(3) u (17) tal-Kostituzzjoni u jekk il-fatt li ma kinitx inkluża mal-komunikazzjoni tal-President ippubblikata skont l-Artikolu 33(1) tal-Liġi dwar il-Qorti Suprema tikkostitwixxi ksur manifest, intenzjonali u gravi tar-regoli nazzjonali li jirregolaw il-proċedura tal-ħatra għall-imħallfin tal-Qorti Suprema.

b) Id-domandi 4 u 5

41. Permezz tar-raba' u tal-ħames domanda tagħha, li għandhom jiġu indirizzati flimkien, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 2 TUE, it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE, l-Artikolu 267 TFUE u l-Artikolu 47 tal-Karta għandhom jiġu interpretati fis-sens li awla tal-qorti suprema ta' Stat Membru bħall-Awla Dixxiplinari f'dan il-każ, li hija msejħa biex tiddeċiedi dwar każijiet li jaqgħu fid-dritt tal-Unjoni, tissodisfa: – fid-dawl tal-kundizzjonijiet li fihom ġiet kostitwita u tal-ħatra tal-membri tagħha – (i) ir-rekwiżiti ta' indipendenza u imparzjalità; u (ii) id-dritt għal tribunal stabbilit mil-liġi, li huma meħtieġa taħt id-dispożizzjonijiet imsemmija tad-dritt tal-Unjoni. Jekk dak ma huwiex il-każ, il-qorti tar-rinviju tixtieq tkun taf jekk il-prinċipju tas-supremazija tad-dritt tal-Unjoni għandux jiġi interpretat bħala li jfisser li jobbligaha biex ma tapplikax id-dispożizzjonijiet nazzjonali li jirriżervaw l-kompetenza lill-Awla Dixxiplinari biex tiddeċiedi fuq tali każijiet.

1) L-indipendenza tal-Awla Dixxiplinari

42. Fis-sentenza A. K. *et*, punt 171, l-Awla Manja tal-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet is-segwenti fuq domandi li kienu essenzjalment identiċi għal dawk mressqa f'dan il-każ: "L-Artikolu 47 tal-Karta u l-Artikolu 9(1) tad-[Direttiva tal-Kunsill 2000/78/KE tas-27 ta' Novembru 2000 li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fl-impjieg u fix-xogħol (Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 05 Vol. 4, p. 79)] għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu li tilwim dwar l-applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni jkun jista' jaqa' fil-kompetenza esklużiva ta' istanza li ma tikkostitwix qorti indipendenti u imparzjali fis-sens tal-ewwel waħda minn dawn id-dispożizzjonijiet. Dan ikun il-każ meta l-kundizzjonijiet oġġettivi li fihom inħolqot l-istanza kkonċernata u l-karatteristiċi tagħha kif ukoll il-mod kif inħatru l-membri tagħha jkunu ta' natura li joħolqu dubji leġittimi, f'moħħ l-individwi, dwar l-impermeabbiltà ta' din l-istanza fil-konfront ta' elementi esterni, b'mod partikolari, ta' influwenzi diretti jew indiretti mill-poter leġiżlattiv u mill-poter eżekuttiv, u dwar in-newtralità tagħha fil-konfront tal-interessi li jkunu inkwistjoni u, b'hekk, jistgħu jwasslu għal assenza ta' dehra ta' indipendenza jew ta' imparzjalità tal-imsemmija istanza li tkun ta' natura li tippreġudika l-fiduċja li l-ġustizzja għandha tispira fl-imsemmija individwi f'soċjetà demokratika. Il-qorti tar-rinviju għandha tiddetermina, filwaqt li tieħu inkunsiderazzjoni l-elementi rilevanti kollha li għandha għad-dispożizzjoni tagħha, jekk dan huwiex il-każ fir-rigward ta' istanza bħalma hija l-Awla Dixxiplinari […] (il-Qorti Suprema). Jekk dan ikun il-każ, il-prinċipju ta' supremazija tad-dritt tal-Unjoni għandu jiġi interpretat fis-sens li jobbliga lill-qorti tar-rinviju tħalli mhux applikata d-dispożizzjoni tad-dritt nazzjonali li tirriżerva l-kompetenza sabiex tittieħed konjizzjoni tat-tilwimiet fil-kawżi prinċipali lill-imsemmija istanza, b'tali mod li dawn it-tilwimiet ikunu jistgħu jiġu eżaminati minn qorti li tissodisfa r-rekwiżiti ta' indipendenza u ta' imparzjalità msemmija iktar 'il fuq u li kienet tkun kompetenti fil-qasam ikkonċernat li kieku l-imsemmija dispożizzjoni ma kinitx tostakola dan."

43. Anke jekk hawnhekk, kontra dak li kien il-każ fil-kawża A. K. *et*, id-dispożizzjoni rilevanti tad-dritt tal-Unjoni bil-għan li jiġu mwieġba r-raba' u l-ħames domandi preliminari ma huwiex l-Artikolu 47 tal-Karta, iżda t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE, skont il-Qorti tal-Ġustizzja "il-prinċipju ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva tad-drittijiet li l-individwi għandhom taħt id-dritt tal-Unjoni, li għalih jirreferi t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE, jikkostitwixxi prinċipju ġenerali tad-dritt tal-Unjoni li attwalment jinsab affermat fl-Artikolu 47 tal-Karta, b'tali mod li l-ewwel waħda minn dawn id-dispożizzjonijiet tobbliga lill-Istati Membri kollha jistabbilixxu r-rimedji legali neċessarji sabiex tiġi żgurata, fl-oqsma koperti mid-dritt tal-Unjoni, protezzjoni ġudizzjarja effettiva, fis-sens b'mod partikolari tat-tieni waħda mill-imsemmija dispożizzjonijiet" (sentenza A. K. *et*, punt 168).

44. Jista' jiġi nnutat li fis-sentenza tal-5 ta' Diċembru 2019, il-Qorti Suprema (fil-formazzjoni tagħha bħala l-Awla ISS li tiddeċiedi dwar wieħed mill-każijiet li wasslu għas-sentenza A.K. *et*) iddeċidiet – fuq il-bażi tas-sentenza A. K. *et* – li l-KNĠ ma kienx, fil-kompożizzjoni kurrenti tiegħu, korp indipendenti u li l-Awla Dixxiplinari ma kinitx qorti għall-finijiet tal-Artikolu 47 tal-Karta, l-Artikolu 6 KEDB u l-Artikolu 45(1) tal-Kostituzzjoni Pollakka. Fir-rigward tal-KNĠ, dik is-sentenza għamlet riferiment, *inter alia*, għal difetti fil-proċess tal-għażla tal-membri tiegħu, is-sottomissjoni tiegħu għall-awtoritajiet politiċi u l-attivitajiet tiegħu li marru kontra l-indipendenza ġuridika.

45. Barra minn hekk, fir-rigward l-Awla Dixxiplinari, dik is-sentenza indikat, b'mod partikolari, li l-imħallfin kollha maħtura għall-Awla Dixxiplinari għandhom rabtiet b'saħħithom mal-awtoritajiet leġiżlattivi jew eżekuttivi, il-kundizzjonijiet tal-kompetizzjoni għall-ħatra ta' dawk l-imħallfin ġew mibdula matul il-proċeduri, in-nuqqas ta' parteċipazzjoni tal-Qorti Suprema fil-proċess tal-ħatra, l-attivitajiet tal-Awla Dixxiplinari mmirati għall-irtirar ta' referenzi għal deċiżjonijiet preliminari u l-fatt li l-każijiet dixxiplinari deċiżi minn dik l-awla urew li mħallef jista' jiġi akkużat ta' reati dixxiplinari bħala riżultat tal-adozzjoni ta' deċiżjonijiet ġudizzjarji, fejn dan ma kienx il-każ qabel.

46. Fis-sentenza tagħha tal-15 ta' Jannar 2020, il-Qorti Suprema (fl-istess formazzjoni bħal ma kienet fil-każijiet l-oħra li taw lok għas-sentenza A. K. *et*) sabet fuq raġunijiet simili li l-Awla Dixxiplinari ma hijiex qorti indipendenti u imparzjali minħabba l-kundizzjonijiet dwar l-istabbiliment, setgħat u kompożizzjoni tagħha, flimkien mal-involviment tal-KNĠ fl-għażla tal-membri tagħha.

47. Permezz tar-riżoluzzjoni interpretattiva tat-23 ta' Jannar 2020, il-Qorti Suprema (fil-formazzjoni magħquda tal-Awla Ċivili, Awla Kriminali, u l-Awla Industrijali u tas-Sigurtà Soċjali) qablet mas-sentenza tal-Qorti Suprema tal-5 ta' Diċembru 2019 li l-KNĠ u l-Awla Dixxiplinari ma humiex korpi indipendenti (Riżoluzzjoni, punti 31 sa 45). B'mod partikolari, dik ir-riżoluzzjoni saħqet li l-KNĠ huwa subordinat għall-awtoritajiet politiċi, sabiex kompetizzjonijiet għall-pożizzjoni ta' mħallef li saru minnu huma difettużi, għalhekk joħolqu dubji fundamentali dwar il-motivazzjonijiet għall-ħatra ta' persuni fil-pożizzjoni ta' mħallfin[4]. Bl-istess mod, minħabba l-organizzazzjoni, sistema, proċedura tal-ħatra u awtonomija tagħha mill-Qorti Suprema, sentenzi maħruġa minn formazzjonijiet ta' mħallfin tal-Awla Dixxiplinari ma humiex sentenza maħruġa minn qorti maħtura kif suppost (Riżoluzzjoni, punt 45). Konsegwentement, skont dik ir-riżoluzzjoni, formazzjonijiet ta' qrati kienu illegalment komposti meta taw deċiżjonijiet bil-parteċipazzjoni ta' mħallfin magħżula mill-KNĠ kostitwit ġdid.

48. Għalhekk, isegwi mill-punti 114 sa 166 tas-sentenza A. K. *et*, li r-risposta għall-ewwel parti tar-raba' u ħames domandi preliminari hija li "L-Artikolu 47 tal-Karta u l-Artikolu 9(1) tad-Direttiva 2000/78 għandhom jiġu interpretati bħala li jipprekludu li tilwim dwar l-applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni jkun jista' jaqa' fil-kompetenza esklużiva ta' istanza li ma tikkostitwixxix qorti indipendenti u imparzjali fis-sens tal-ewwel waħda minn dawn id-dispożizzjonijiet. Dan ikun il-każ meta l-kundizzjonijiet oġġettivi li fihom inħolqot l-istanza kkonċernata u l-karatteristiċi tagħha kif ukoll il-mod kif inħatru l-membri tagħha jkunu ta' natura li joħolqu dubji leġittimi, f'moħħ l-individwi, dwar l-impermeabbiltà ta' din l-istanza

[4] Riżoluzzjoni, punt 42. Dik ir-riżoluzzjoni għandha l-forza tal-liġi. Fil-punt 41 ta' dik ir-riżoluzzjoni, il-Qorti Suprema kkritikat l-azzjonijiet tal-Ministru tal-Ġustizzja, permezz ta' uffiċjali dixxiplinari maħtura minnu, biex jippersegwitaw imħallfin għad-deċiżjonijiet tagħhom biex jikkjarifikaw inċertezzi dwar il-proċedura ta' kompetizzjoni għall-imħallfin mwettqa mill-KNĠ. Ara wkoll letteratura legali, li targumenta li l-Kamra tad-Dixxiplina hija stabbilita kontra l-Kostituzzjoni Pollakka: Wróbel, W., *The Disciplinary Chamber of the Supreme Court as an exceptional court in the meaning of Article 175(2) of the Polish Constitution*, Palestra, No. 1-2, 2009 (http://themis-sedziowie.eu/wp-content/uploads/2020/01/Włodzimierz-Wróbel_Disciplinary-Chamber-as-exceptional-court_def.pdf).

fil-konfront ta' elementi esterni, b'mod partikolari, ta' influwenzi diretti jew indiretti mill-poter leġiżlattiv u mill-poter eżekuttiv, u dwar in-newtralità tagħha fil-konfront tal-interessi li jkunu inkwistjoni u, b'hekk, jistgħu jwasslu għal assenza ta' dehra ta' indipendenza jew ta' imparzjalità tal-imsemmija istanza li tkun ta' natura li tippreġudika l-fiduċja li l-ġustizzja għandha tispira fl-imsemmija individwi f'soċjetà demokratika. Il-qorti tar-rinviju għandha tiddetermina, filwaqt li tieħu inkunsiderazzjoni l-elementi rilevanti kollha li għandha għad-dispożizzjoni tagħha, jekk dan huwiex il-każ fir-rigward ta' istanza bħalma hija l-Awla Dixxiplinari tal-Qorti Suprema. Jekk dak huwa l-każ, il-prinċipju ta' supremazija tad-dritt tal-Unjoni għandu jiġi interpretat fis-sens li jobbliga lill-qorti tar-rinviju tħalli mhux applikata d-dispożizzjoni tad-dritt nazzjonali li tirriżerva l-kompetenza sabiex tittieħed konjizzjoni tat-tilwimiet fil-kawżi prinċipali lill-imsemmija istanza, b'tali mod li dawn it-tilwimiet ikunu jistgħu jiġu eżaminati minn qorti li tissodisfa r-rekwiżiti ta' indipendenza u ta' imparzjalità msemmija iktar 'il fuq u li kienet tkun kompetenti fil-qasam ikkonċernat li kieku l-imsemmija dispożizzjoni ma kinitx tostakola dan".

2) Dwar jekk l-Awla Dixxiplinari hija "qorti stabbilita mil-liġi"

49. Kif ngħid fil-Konklużjonijiet paralleli tiegħi fil-kawża *W.Ż.*, id-dritt għal qorti stabbilit mil-liġi huwa direttament konness mal-indipendenza ġudizzjarja, u huwa wieħed mir-rekwiżiti li għandhom jintlaħqu għall-finijiet li jiġi kostitwit "qorti jew tribunal" fis-sens tat-tifsira tad-dritt tal-Unjoni skont l-Artikolu 267 TFUE[5]. Jidher mill-ġurisprudenza li l-Qorti tal-Ġustizzja tinterpreta rekwiżit ta' indipendenza ġudizzjarja fuq il-bażi tal-Artikolu 267 TFUE fid-dawl ta' dak stabbilit fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE[6]. Ikun għalhekk jidher li huwa minnu wkoll għar-rekwiżit ta' qorti stabbilita b'liġi.

50. Kif il-Qorti saħqet[7], il-garanziji ta' aċċess għal tribunal indipendenti u imparzjali preċedentement stabbilit mil-liġi, u b'mod partikolari dawk li ddeterminaw x'jikkostitwixxi tribunal u kif inhu kompost, jirrappreżentaw il-pedament tad-dritt għal smigħ xieraq. Il-Qorti tal-Ġustizzja rrikonoxxiet ukoll li, skont il-ġurisprudenza tal-QEDB, ir-raġuni għall-introduzzjoni tat-terminu "mwaqqaf b'liġi" fl-Artikolu 6(1) QEDB hija sabiex jiġi aċċertat li l-organizzazzjoni tas-sistema ġudizzjarja ma tiddependix mid-diskrezzjoni tal-eżekuttiv, iżda li hija regolata mil-liġi li toħroġ mil-leġiżlatura b'konformità mar-regoli li jirregolaw il-ġurisdizzjoni tagħha. Dik il-fraži tirrifletti, b'mod partikolari, il-prinċipju tal-istat tad-dritt u tkopri mhux biss il-bażi legali tal-proprja eżistenza ta' tribunal, iżda anke l-kompożizzjoni tal-qorti f'kull każ u kwalunkwe dispożizzjoni oħra tal-liġi domestika li, jekk tinkiser, ikun irendi l-parteċipazzjoni ta' wieħed jew iktar imħallfin fl-eżami ta' każ irregolari, inkluż, b'mod partikolari, dispożizzjonijiet li jikkonċernaw l-indipendenza u l-imparzjalità tal-membri tal-qorti kkonċernata.

51. Mill-bqija, f'dan il-kuntest, il-qorti tar-rinviju tista' tapplika *mutatis mutandis* ir-raġunament żviluppat fil-konklużjonijiet paralleli tiegħi fil-kawża W.Ż.

[5] Ara, pereżempju, is-sentenza tal-24 ta' Mejju 2016, MT Højgaard and Züblin (C-396/14, EU:C:2016:347, punt 23).

[6] Ara sentenzi tal-21 ta' Jannar 2020, Banco de Santander (C-274/14, EU:C:2020:17, punt 56), u tas-16 ta' Lulju 2020, Governo della Repubblica italiana (Status ta' maġistrati Taljani) (C-658/18, EU:C:2020:572, punt 45).

[7] Sentenza tas-26 ta' Marzu 2020, Review Simpson u HG vs Il-Kunsill u l-Kummissjoni (C-542/18 RX-II u C-543/18 RX-II, EU:C:2020:232, punt 73). Ara wkoll il-konklużjonijiet tal-Avukata Ġenerali Sharpston fil-kawża Review Simpson vs Il-Kunsill u Review HG vs Il-Kummissjoni (C-542/18 RX-II u C-543/18 RX-II, EU:C:2019:977, punt 67); konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Hogan fil-kawża *Repubblika* (C-896/19, EU:C:2020:1055, punt 53); konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Bobek fil-kawżi Magħquda Ministerul Public - Parchetul de pe lângă Înalta Curte de Casație și Justiție – Direcția Națională Anticorupție *et* (C-357/19 u C-547/19, EU:C:2021:170, punti 137 sa 139).

52. Fi kwalunkwe każ, sa fejn il-ħames domanda preliminari tikkonċerna l-konsegwenzi li joħorġu mir-risposta għar-raba' domanda, ir-risposta ma għandhiex tkun differenti minn dik mgħotija għal-ewwel parti tar-raba' domanda.

53. Biex nikkonkludi, kwalunkwe dispożizzjoni nazzjonali jew prattika leġiżlattiva, amministrattiva jew ġudizzjarja, li tnaqqas l-effettività tad-dritt tal-Unjoni billi tipprekludi lill-imħallef kompetenti milli japplika dik il-liġi, u milli jagħmel, fil-kuntest ta' dik l-applikazzjoni, kull ma huwa meħtieġ biex ma tiġix applikata l-leġiżlazzjoni nazzjonali potenzjalment tikkostitwixxi ostaklu għall-effettività sħiħa tad-dritt tal-Unjoni direttament applikabbli, bħal, ma hu f'dan il-każ, it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE hawnhekk, mingħajr kwalunkwe ħtieġa li jintalab jew jiġi mistenni l-annullament tal-att ikkonċernat mill-leġiżlatur jew permezz ta' kwalunkwe proċess kostituzzjonali ieħor jikser id-dritt tal-Unjoni (ara s-sentenza A.K *et*). Minkejja l-prinċipju tas-supremazija tad-dritt tal-Unjoni prinċipalment japplika għal normi nazzjonali ġenerali u astratti, huwa wkoll applikabbli għal atti amministrattivi individwali u speċifiċi[8]. Fid-dawl tal-fatt li l-istħarriġ ġudizzjarju tal-validità tal-ħatra ta' J.M. (l-imħallef konvenuta) ma jistax iseħħ fi kwalunkwe proċedura nazzjonali oħra u li l-unika possibilità li jiġi eżaminat dak l-istatus bħala mħallef fil-kuntest ta' proċedura dixxiplinarja li tesponi lil M.F. (l-imħallef rikorrenti) għal sanzjonijiet li jistgħu ma jkunux konformi mar-rekwiżiti tal-prinċipju tal-protezzjoni ġudizzjarja effettiva,[9] il-qorti tar-rinviju tista' tiddeċiedi li dik il-ħatra ma kinitx teżisti anke fejn il-liġi nazzjonali ma tawtorizzahiex biex tagħmel dan.

54. F'dak ir-rigward, nikkunsidra (kif jagħmel ukoll l-Ombudsman) li l-awtoritajiet nazzjonali ma jistgħux jinħbew wara argumenti bbażati fuq iċ-ċertezza legali u l-fatt li l-imħallfin ma jistgħux jitneħħew. Dawn l-argumenti huma biss kortina fumoġena u ma jnaqqsux mill-intenzjoni li jinjoraw jew jiksru l-prinċipji tal-istat tad-dritt. Għandu jitfakkar li l-liġi ma toħroġx mill-inġustizzja (*ex iniuria ius non oritur*). Jekk persuna kienet maħtura għal istituzzjoni tant importanti fis-sistema legali ta' Stat Membru, kif inhi l-qorti suprema ta' dak l-Istat permezz ta' proċedura li kisret il-prinċipju tal-protezzjoni ġudizzjarja effettiva, mela hu jew hi ma tistax tiġi protetta mill-prinċipju ta' ċertezza legali u l-fatt li l-imħallfin ma jistgħux jitneħħew.

III. Konklużjoni

55. Għar-raġunijiet stabbiliti hawn fuq, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha twieġeb id-domandi preliminari mressqa mis-Sąd Najwyższy (il-Qorti Suprema, il-Polonja) kif ġej:

Id-dritt għal tribunal mwaqqaf bil-liġi, affermat permezz tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE fid-dawl tal-Artikolu 47 tal- Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, għandu jiġi interpretat fis-sens li, f'ċirkustanzi bħal dawk fil-proċeduri prinċipali, persuna maħtura għall-pożizzjoni ta' mħallef tas-Sąd Najwyższy (il-Qorti Suprema), Awla Dixxiplinari, ma jikkonformax ma' dak ir-rekwiżit jekk l-att ta' ħatra tiegħu kien mgħoti bi ksur flagranti tar-regoli nazzjonali li jirregolaw il-proċedura għall-ħatra ta' mħallfin tal-Qorti Suprema, li hija kwistjoni għall-qorti tar-rinviju biex tistabbilixxi. Fil-kuntest ta' dik l-evalwazzjoni, il-qorti tar-rinviju għandha tevalwa l-karattru manifest u intenzjonali kif ukoll il-gravità tal-ksur inkwistjoni.

It-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE fid-dawl tal-Artikolu 47 tal-Karta għandhom jiġu interpretati bħala li jfissru li awla ma tikkostitwixxix tribunal indipendenti u imparzjali fis-sens tat-tifsira ta' dawk id-dispożizzjonijiet meta l-kundizzjonijiet oġġettivi li fihom ġiet maħluqa,

[8] Ara s-sentenza tad-29 ta' April 1999, Ciola (C-224/97, EU:C:1999:212).

[9] Ara s-sentenza tat-13 ta' Marzu 2007, Unibet (C-432/05, EU:C:2007:163, punt 64).

il-karatteristiċi tagħha kif ukoll il-mod tal-ħatra tal-membri tagħha jistgħu jagħtu lok għal dubji leġittimi, fl-imħuħ tas-suġġetti tad-dritt, dwar l-impermeabbiltà ta' din l-istanza fil-konfront ta' elementi esterni, b'mod partikolari, ta' influwenzi diretti jew indiretti mill-poter leġiżlattiv u mill-poter eżekuttiv, u dwar in-newtralità tagħha fil-konfront tal-interessi li jkunu inkwistjoni u, b'hekk, jistgħu jwasslu għal assenza ta' dehra ta' indipendenza jew ta' imparzjalità tal-imsemmija istanza li tkun ta' natura li tippreġudika l-fiduċja li l-ġustizzja għandha tispira fl-imsemmija individwi f'soċjetà demokratika. Il-qorti tar-rinviju għandha tiddetermina, filwaqt li tieħu inkunsiderazzjoni l-elementi rilevanti kollha li għandha għad-dispożizzjoni tagħha, jekk dan huwiex il-każ fir-rigward ta' istanza bħalma hija l-Awla Dixxiplinari tas-Sąd Najwyższy (il-Qorti Suprema).

F'sitwazzjoni bħal din, il-prinċipju tas-supremazija tad-dritt tal-Unjoni Ewropea għandu jiġi interpretat fis-sens li jirrikjedi li l-qorti tar-rinviju ma tapplikax id-dispożizzjonijiet tad-dritt nazzjonali li jirriżervaw il-ġurisdizzjoni li tiddeċiedi dwar azzjonijiet bħal dik fil-kawża prinċipali għal tali awla, b'mod li dawk l-azzjonijiet jistgħu jiġu eżaminati minn qorti li tissodisfa r-rekwiżiti ta' indipendenza u imparzjalità li sar riferiment għalihom hawn fuq u li jkollha ġurisdizzjoni kieku ma kienx għal dawk id-dispożizzjonijiet.